**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 23**

**NHAR l-ERBGĦA 18 TA' LULJU 2012 FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Wallace Farrugia | Membru |
| Alex Chetchuti | Membru |
| Anna Paris | Membru |

Preżenti wkoll kien hemm is-Sur Adrian Strickland.
Ic-Chair Person F. Salt kien skużat minħabba raġunijiet ta' mard.

**TALBA**

Il- Vici- Chairperson qalet it-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 22 ġew approvati. Wallace Farrugia ippropona. Il-Vici Chairperson issekondat.

2. Mary Anne Abela talbet għas-sospenzzjoni tal-laqgħa sabiex is-Sur A. Strickland jiddiskutu fid-dettal dwar l-emblema(Ħin 5:10pm) li tirraprezena lill-Kumitat Amministarttiv tal-Madliena. IIs- Sur A. Strickland esebixxa żewġ provi.

   Il-laqgħa reġgħet bdiet fil-5:15pm.

   Wara diskuzzjoni ġie deċiż fuq arma bi numru A.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Wallace Farrugia staqsa jekk waslietx xi risposta minngħand l-Arriva dwar ir-rotta l-ġdida. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslietx risposta sa issa pero' minn nformazzjoni nforma li mhux se jsir l-ebda tbidil fir-rotot qabel Novembru 2012.
   Il-Kumitat insista sabiex tibqa' ssir pressjoni fuq l-Awtoritajiet ta' Transport sabiex ir-rotta tkun mqar kull siegħa u b'jekk tkun ta' benefiċċju kbir għar-residenti tal-Madliena.

2. Il-Kumitat irrimarka dwar *spelling mistake* fit-tabelli li twaħħlu fil-Madliena. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li liż-żball diġa' ġie olterrat mill-Kuntrattur Koptasin.

3. Wallace Farrugia staqsa jekk wasalx is-survey report dwar il-livelli tal-parti ta' Isfel fi Triq Pedidalwett. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn waslu u diġa' ntbagħtu lil Perit tal-Kunsill.

4. Mary Anne Abela staqsiet dwar Triq l-Inġinir, jekk bediex il-process ta' permessi ta' din l-imsemmija triq. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li diġa' saret it-talba għal permessi lil Enemalta. Il-Kumitat ġie nfurmat ukoll li saret laqgħa ma' residenti ta' Triq l-Iġinier. Dawn qed jitolbu żewġ installazjonijiet ta' dawl, waħda fil-parti ta' fuq u l-oħra frin-nofs fil-parti wiesgħa ta' triq. L--applikazzjoni għad-dawl intbagħtet lil Enemalta.

## III RAPPORTI MILL-MEMBRI

**Wallace Farrugia**

1. Huwa talab għal possibilta' ta' tlett antenni ġodda fuq arbli fi Triq il-Fortizza. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jitkellem mal-Kuntrattur.

2. Il-Membru staqsa jekk sarx xi kuntatt mal-persuna fi Triq il-Gladjoli li għamel rampa taħt il-bankina. Is- Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hu mar fir-residenza 3 darbiet pero' ma sab il-ħadd id-dar. Hu nforma li ser iħalli nota mal-bieb.

3. Huwa nforma li wara saru kuntatti mal-kuntrattur responsabbli mit-tarmak tal-Madliena jidher li intlaħaq ftehim u fil-fatt il-kuntrattur kien nforma li ser japplika għal permessi sabiex jibdew ix-xogħlijiet.

4. Dwar Triq l-Inġinir, il-Membru talab sabiex issi talba lil MEPA għal street alignment importanti li dawn jaslu qabel ma jibdew ix-xogħlijiet ta' tarmac f' din it-triq.

## III RAPPORTI MILL-MEMBRI

**Vici – Chairperson – Mary Anne Abela**

1. Il- Viċi Chair- Person ssuġeriet li ssir traffic calmer fi Triq il-Madliena. Din il-materja ġiet diskussa pero' ma kienx hemm qbil li din issir. Wallace Farrugia nforma li dwar dawn il-calmers diġa' kellu kuntatti mal-Perit tal-Kunsill u diġa' kien ġie stabilit fejn dawn se jiġu pero' sa issa l-Perit tal-Kunsill għad ma ħejjiex il-pjanti finali sabiex jintbagħtu lil TM għall-approvazzjoni.

2. Il-Kumitat talbu biex issiru parking bays fi Triq il-Madliena kantuniera ma'Triq il-Bir. Alex Chetchuti ħa l-inkarigu li jiltaqa' mal-MSD sabiex jiddiskutu r-rifreskar ta' sinjal tat-traffiku fil-quċċata ta' Triq Pedidalwett.

3. Mary Anne Abela staqsiet sabiex issir pressjoni mad-Dipartiment dwar id-devoluzzjoni tal-Medical Stores. Is-Segretarju ħa l-inkarigu li jikkuntatja lil persuna nkarigata.

4. Mary Anne Abela nfurmat li kellha kuntatti mal-Ministeru ta' l-Onor. George Pullicino dwar l-possibilta' li jitnaddaf il-masġar biswiet l-entratura tal-Forti.

**Anna Paris**

1. Saret talba għall-installazzjoni ta' dawl ġdid fi Triq il-Madliena fil-viċinanza ta' l-Avukat Sapiano. Dan minħabba li din it-triq hi ferm perikoluża l-aktar filgħaxija minħabba nuqqas ta' dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jinforma l-kuntrattur.

2. Hi nfurmat li bagħtet korrispondenza lis-saċerdot inkarigat bis-skop li jibdew issiru taħdiet reliġjużi darba fix-xahar fil-Kappella tal-Madliena.

## III RAPPORTI MILL-MEMBRI

**Alex Chetchuti**

1. Is-Sur Chetchuti reġa' staqsa għall-stima ta' xogħlijiet ta' numri li jiddentifikaw id-dawl kollu tal-Madliena. Is-Segr5eatju Eżekuttiv nforma li diġa' iddiskuta mal-Kuntrattur pero' din għad ma tlestiex.

### Landscaping fl-entratura tal-Madliena

2. Is- Sur Chetchuti staqsa sabiex skond it-Tender issir it-tindif pero' is-siġar jitħawlu f' Ottubru meta jibda' l-istaġun tax-xita.

3. Is-Sur Chetchuti rraporta arblu antik fi Triq il-Ħarrub u nforma li diġa' kellu kuntatti pero' dan għadu ma nqalax. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dwar dan jerġa' jikkorispondi ma' l-Enemalta.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:15pm. Sar aġġornament għat- 23 ta' Awwissu 2012 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| Hugh Zammit | Frank Salt |
| Segretarju Eżekuttiv | Chairperson |